**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Anthony Darmanin (KI 0440246M)**

**Vs**

**Jesmond Farrugia (KI 573178M)**

**Rikors Guramentat Numru: 157/17**

Illum 19 ta' Frar 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Anthony Darmanin li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrent huwa l-proprjetarju tal-proprejta' numru sittax (16) li tinsab gewwa Triq San Guzepp, Qormi u cioe' l-proprjeta' mmarkata bil-kulur ahdar fuq il-pjanta huwa annessa u markata bhala Dok A;

2. Illi l-ambjenti markati bil-kulur blu formanti parti mill-propjreta' hawn fuq imsemmija kienet ilha tinkera ghal numru ta' snin lil Brian Farrugia, li jigi hu l-intimat Jesmond Farrugia;

3. Illi f'xi zmien l-intimat Jesmond Farrugia abbuzivament u illegalment u minghajr edba titolu validu fil-ligi, beda' jirresjedi gewwa l-ambjenti markati bil-kulur blu fuq il-pjanta hawn esibita formanti

parti mill-fond hawn fuq imsemmi kif jidher mill-kopja tar-Registru Elettorali ta' Ottubru, 2017, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B, u sahansitra dahhal hemm jghixu mieghu nurmu ta' klieb u dan certament minghajr ebda permess tas-sid rikorrenti;

4. Illi li di piu', tali klieb qed jimpedu l-access tas-sid ghall-fond hawn fuq imsemmi u jokkupaw ukoll ambjenti ohra mill-fond numru sittax (16) li tinsab gewwa Triq San Guzepp, Qormi;

5. Illi r-rikorrent interpella lill-intimat biex jizgombra mill-ambjenti kollha tal-istess fond numru sittax (16) li tinsab gewwa Triq San Guzepp, Qormi hawn fuq imsemmi bil-proprjeta' kollha tieghu inkluzi l-istess klieb, u dana anke permezz ta' ittra interpellatorja tas-7 ta' Frar 2017 li kopja taghha qed tigi hawn esibita u markata bhala Dok C, izda l-intimat baqa' inadempjenti;

6. Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq f'din il-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. lli ir-rikorrent jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-intimat ghaliex m'ghandux dan il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li qieghed hawn jitlob li dan il-Bord joghgbu:

1. Jaqta' u Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' 1-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi l-intimat Jesmond Farrugia bil-proprjeta u klieb tieghu qed jiddetjeni diversi ambjenti mill-fond numru sittax (16) li tinsab gewwa Triq San Guzepp, Qormi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Jordna u Jikkundanna lill-intimat Jesmond Farrugia jizgombra bi hwejgu l-klieb tieghu mill-ambjenti kollha tal proprjeta' numru sittax (16), Triq San Guzepp, Qormi fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jiffissa.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Frar 2017 (Dok C), bir-rizerva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lir-rikorrent kontra l-intimat Jesmond Farrugia li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat u li deher fis-seduta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrent huwa proprjaetarju tal-proprjeta' numru sittax li tinsab gewwa Triq San Guzepp, Qormi. L-ambjenti markati bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotur huma formanti parti mill-proprjeta' imsemmija kienet ilha tinkera ghal numru ta' snin lil Brian Farrugia li huwa hu l-intimat.

Ir-rikorrent allega li l-intimat minghajr ebda titolu validu fil-ligi beda jirrisjedi gewwa l-ambjenti markati bil-kulur blu u dahhal mieghu jghixu mieghu numru ta' klieb minghajr il-permess tas-sid. Inoltre' l-istess klieb qeghdin jimpedu l-access tas-sid ghall-fond numru 16. Nonostante li r-rikorrent interpellah biex jizgombra, l-intimat baqa' ma harigx mill-fond.

L-avukat difensur tal-intimat fis-seduta tallum iddikjara li gialadarba t-talba fil-kawza odjerna ma' jista' jkollu ebda effett fil-konfront tal-inkwilin Brian Farrugia, l-istess intimat Jesmond Farrugia rrimetta ruhu ghat-talbiet kif dedotti.

Peress li għalhekk huwa misthoqq li t-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu.

Għal dawn il-motivi l-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement:

(1) Jaqta' u Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' 1-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Jiddikjara illi l-intimat Jesmond Farrugia bil-proprjeta' u klieb tieghu qed jiddetjeni diversi ambjenti mill-fond numru sittax (16) li tinsab gewwa Triq San Guzepp, Qormi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

(3) Jordna u Jikkundanna lill-intimat Jesmond Farrugia jizgombra bi hwejgu l-klieb tieghu mill-ambjenti kollha tal proprjeta' numru sittax (16), Triq San Guzepp, Qormi fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) jum.

Bl-ispejjez a karigu tal-istess intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**